MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2008

Avviz Numru. 324/1999/1

**Direttur tas-Sigurta Socjali**

**Vs**

**Christopher Marshall**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kkundannat li jhallas lill-istess attur is-somma ta' Lm955.00,0 (disa' mija hamsa u hamsin liri Maltin) liema somma giet imhallsa lill-mart il-konvenut Jacqueline Marshall bhala Ghajnuna socjali ghall-perjodu bejn it-28 ta' Setttembru 1990 u l-24 t'April 1992 meta il-konvenut kien obbligat jmantniha skond il-ligi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Novembru 1998 u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagamenti kontra l-intimat li gie ngunt ghas-subizzjoni

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 5 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

Illi ma jistax jitqies skond il-ligi li l-eccipjent kien obbligat imantni lil martu. Ghalhekk it-talba attrici hija nsostenibbli.

Bir-riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri li jkunu ammissibbli skond il-ligi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut (fol 92 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

Il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni attrici ai termini ta' l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

Rat dak verbalizzat waqt is-seduta ta-22 ta' Ottubru 2007 (fol 121 ibid).

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi f'dan l-stadju, ser tigi trattata u decisa l-eccezzjoni ulterjuri sottomessa mill-konvenut u li tirreferi ghall-estinzjoni ta' din l-azzjoni b'effett tal-aritkolu 2156(f) tal-Kodici Civili . Dan l-artikolu jghid li l-azzjonijiet ghall-pagament ta' debitu li jorigina "… from commercial transaction or other causes" , salv il-kazijiet imsemmija fl-istess artikolu, hi preskritta bit-trapass ta' hames snin.

Illi jigi rilevat illi l-artikolu 2115 (2) ibid jghid illi l-preskrizzjoni ma tistax tigi eccepita f'xi azzjoni tal-Gvern hlief fil-kazijiet imsemmija fl-artikolu 2149, 2153, 2154, 2155 u 2156 ibid .

Illi, kif jidher a fol 93 tal-istess atturi, l-atturi jikkontetendu li l-azzjoni f'dan il-kaz hi preskritta bit-trapass ta' tletin sena' u dan a bazi tal-artikolu 2115 (2) gja citat abbinat mal-artikolu 30 (11) tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta. Difatti din l-azzjoni hi bazata fuq l-artikolu 30 subinciz (11) li ghadu kemm issemma u li permezz tieghu l-attur jidher

odjern hu intitolat li jithallas mill-konvenut kull ammont li thallas lill-mart dan, Jacqueline Marshall, bhala ghajnuna socjali, ghall-perjodu in esami "meta inti kont obbligat tmantinha skond il-ligi.

Ikkunsidrat

Illi, in konnessjoni mal-eccezzjoni in esami, l-attur iccita diversi sentenzi cjoe "L-Onorevoli Paul Boffa nomine et vs Paul Zammit et" decisa mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' April 1951 (Vol XXXV–II-394) "l-Onor. Edgar Cuschieri vs Lorenzo Lungaro Baldacchino" decisa skoll mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Gunju 1951 (Vol XXXV-II-431) u Joseph Lungaro Mfisud nomine vs Albert Inguanez" decisa mill-istess Prim' Awla fl-4 ta' Frar 1964. Jidher li dawn is-sentenzi kienu jinvolvu azzjoni tal-Gvern a bazi tal-artikolu 1027 tal-Kodici Civili ossija in konnessjoni ma' flejjes imhallsin mill-Gvern izda indebitament. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tara kif tista tapplika dawn is-sentenzi ghall-kaz in desamina.

Ikkunsidrat

Illi, premess illi l-artikolu 2156, hu wiehed minn dawk, espressament applikabbli ghal azzjonijiet u drittijiet tal-Gvern jrid jigi deciz jekk l-istess artikolu 2156(f) kif eccepit, hux applikabbli ghall-istess kaz. Di gja sar accenn illi, dan l-aritkolu trattasi ta' pagament ta' xi debitu iehor ta' origini kummercjali "or other causes" sakemm l-istess debitu, hu, fil-Kodici Civili, jew f'xi ligi ohra, preskritt b'terminu iqsar sew inkella jorigina minn att pubbliku". Fil-fehma tal-Qorti, ghandha ssir enfasi fuqu il-kliem "or other causes". Dwar dan gie ritenut (ara "Philip Grima vs Dr Joseph Cassar Galea" deciza mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Dicembru 1966), gie ritenut illi l-artikolu 2156(f), ma ghandu l-ebda kontazzjoni fl-applikabilita tieghu u ghandu jinkludi krediti ta' kwalunkwe origini u ta' natura azzjonabbli. Ghalhekk dan l-artikolu ghandu jigi konsiderat bhala applikabbli ghall-kaz in esami.

Ikkunsidrat

Illi, dan premess, jidher mill-sitess avviz illi l-ammont pretiz jkopri l-perjodu bejn it-28 ta' Settembru 1990 u l-24 ta' April 1992 u illi l-ewwel att gudizzjarju li sar f'dan il-kaz kienet ittra ufficjali presentata fid-19 ta' Novembru 1998 (ara fol 29 u fol 30 ibid). Pero' jidher ukoll li dan l-att kien gie precedut b'iehor cjoe ittra ufficjali ohra presentata fl-10 ta' Ottubru 1995 u notifikata lill-konvenut fl-17 ta' Ottubru 1996 (ara fol 96, fol 97 u fol 107 u fol 108 ibid).

Dinl-ittra ufficjali interrompiet it-trapass tal-perjodu ta' preskrizzjoni ta' hames snin qabel ma dan skada. Inoltre giet esegwita bl-avviz in esami presentat fl-1 ta' Marzu 1999. Konsegwentement ma jistax jinghad illi din l-azzjoni hi preskritta, jekk wiehed jikkonsidra kif ghandu jkun illi l-perjodu ta' preskrizzjoni beda jiddekorri mill-24 ta' April 1992. Ghalhekk l-eccezzjoni ulterjuri in esami ghandha tigi respinta.

Ikkunsidrat

Illi in rigward il-meritu, hi bizzejjed li ssir refernza ghax-xhieda ta' Emanuel Cassar (fol 11 et seq ibid) u ghad-dokumenti esebiti minnu a fol 14 sa fol 30 ibid) kif ukoll ghal dik ta' Jacqueline Marshall (a fol 41, fol 52 sa 56, fol 76 u fol 88 ibid) u dokumenti ohrajn esebiti mill-attur u li jinsabu annessi a fol 94 sa fol 104 ibid. Minn dawn il-provi, jidher car illi t-talba attrici giet pruvata, waqt li jinghad, ukoll, illi l-konvenut (fol 46 u fol 47 ibid) ma indika xejn affattu sabiex b'xi mod, jikkontrobatti l-provi prodotti mill-attur.

Illi jigi rilevat, pero', illi waqt dawn il-proceduri, l-ammont mitlub kien gie ridott mill-istess attur, kif jdiher a fol 58. Difatti ghar-raguni specifikata fl-anness Dok SS1 ("less period husband was not working") l-ammont mitlub gie mnaqqas ghal Lm621.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talba attrici kif redotta u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm621 ossija €1446.54 bl-imghaxijiet legali mill-10 ta' Ottubru 1995 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez

inklusi dawk tal-ittri ufficjali tal-10 ta’ Ottubru 1995 u tad-19 ta’ Novembru 1995.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------